15 ta' Mejju 2017
41/2017

**KONFERENZA 'SOĊJETÀ ĠUSTA GĦAL ŻMINIJIETNA'**

MESSAĠĠ TAL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA

Insellem lil kull min qiegħed jieħu sehem f'din il-konferenza mnedija mis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika Maltija, bit-tema importanti u essenzjali 'Soċjetà Ġusta Għal Żminijietna'.

Id-domanda li b'mod naturali wieħed jagħmel lill-Isqof hi kif il-Knisja tista' tikkontribwixxi biex uliedha jaħdmu għal soċjetà ġusta. L-ewwel nett żgur billi tkun xhieda qawwija u awtentika tal-kliem tal-Evanġelju. Fid-diskors programmatiku tiegħu fis-sinagoga ta' Nazaret, Ġesù kkwota l-profezija ta' Isaija u nieda sena tal-grazzja li ġabet ħelsien lill-imjassrin, id-dawl lill-għomja u b'hekk saret kelma ta' ħelsien veru u ta' ġustizzja soċjali (ara Lq 4, 18-19).

Il-profeti, meta kienu jitkellmu fuq is-sawm, kienu jinsistu li s-sawm ma kellux ikun okkażjoni biex il-bniedem ibati b'mod sadiku, imma kien pjuttost stedina biex wieħed jeżerċita u japplika l-prinċipji tal-ġustizzja soċjali: li lill-ħaddiema tagħtihom ħlashom f'waqtu, li inti tgħin lil min hu batut u li tagħmel ġustizzja ma' kulħadd mingħajr ma tħares lejn l-uċuħ. Il-profeti jgħidu "Mhux dan hu s-sawm li rrid?" Dan huwa li se jiggarantixxi mhux biss li aħna jkollna l-ġustizzja bejnietna imma li fil-kliem tal-Kotba Mqaddsa, il-glorja tal-Mulej timxi warajna.

Il-Knisja hija sagrament, jiġifieri sinjal li jidher, imma wkoll li jagħmel dak li jwiegħed, mhux biss ta' għaqda bejn il-bnedmin, imma wkoll sinjal tal-verità li tagħmel il-ġustizzja bejn il-bnedmin. Wara kollox, il-ġustizzja tfisser ukoll li dak li jkun jieħu dak li hu tiegħu bi dritt, jieħu wkoll li ħaqqu. U għalhekk, meta fis-soċjetà jinbtu l-veleni tal-korruzzjoni, il-velenu tal-gidba, il-bnedmin mhux biss titnaqqsilhom mid-dinjità tagħhom u tar-relazzjoni ta' bejniethom, imma wkoll jidħol velenu li minflok iwassal għall-ġustizzja jwassal għall-kunflitti soċjali.

Il-politika trid tkun l-arti tal-imħabba li taħseb fil-ġid komuni. Mhux ta' b'xejn li l-Papa Franġisku, fl-Eżortazzjoni Appostolika tiegħu, *Il-Ferħ tal-Evanġelju* (*Evangelii Gaudium*), jgħid li l-politika, meta mħaddma kif imiss minn dak li jkun, hija espressjoni tassew għolja tal-karità, tal-imħabba lejn il-proxxmu, għaliex qed taħdem favur il-ġid komuni.

Li l-politika taħdem għall-interessi tal-ftit huwa kontro-politika, huwa l-antipolitika. Il-ġustizzja soċjali titlob li min jiggverna jħares il-prinċipji importanti tal-verità, tal-ġid komuni u anke f'dak li hu protezzjoni tal-ambjent, jirrifletti u mbagħad jimplimenta s-sentiment qawwi li l-bniedem, hu u jkattar l-isbuħija ta' madwaru, qiegħed jiggarantixxi għalih innifsu, għal uliedu u għal ulied uliedu wkoll, ambjent li jgħin il-kwalità tal-ħajja tiegħu.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Jiena nitlob u nawgura lill-movimenti Kattoliċi fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta, biex waqt li jkomplu jirsistu f'attivitajiet ta' evanġelizzazzjoni u ta' tifħir lil Alla u anke ta' ritwali, jaħdmu wkoll biex fostna jkun hawn sentiment qawwi ta' ġustizzja soċjali li joħloq l-ambjent fejn il-politiċi tagħna jkollhom il-libertà minn kull tentazzjoni ta' favoritiżmu, ta' klijenteliżmu, u jkollhom il-libertà jaħdmu għall-ġid komuni mingħajr ma' jħarsu lejn wiċċ ħadd.

Nawgura wkoll is-suċċess ta' din il-konferenza li għandha messaġġ attwali ħafna, u jalla dak li għedna bejnietna f'dan il-jum u li se nkomplu nwettqu fil-jiem li ġejjin, ikun tassew għall-ġid komuni ta' pajjiżna.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**